**25 ta' Ġunju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Maria Victoria *sive* Marvic Attard Gialanze

## Ordni Leġittimu

*Ordni leġittimu mogħti lill-pulizija jew mill-awtorita` għandu dejjem jiġi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wieħed jirreklama wara dwar il-ġustizzja intrinsika ta' dak l-ordni.*

*Ordni jitqies leġittimu għall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 338 (ee) tal-Kodiċi Kriminali jekk ikun* prima facie *leġittimu, jiġifieri jkun* prima facie *regolari fil-kontenut tiegħu u fil-forma li bih jingħata.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Maria Victoria *sive* Marvic Attard Gialanze talli fl-1 ta' April, 1996, għall-ħabta tal-ħamsa neqsin kwart ta' wara nofs

in-nhar, ġo Misraħ Dun T. Agius, Marsaskala: (1) heddedt lil P.C. 604 E. Agius bi kliem waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala uffiċjal pubbliku inkarigat mil-liġi; (2) ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija; u (3) saqet vettura ta' l-għamla Fiesta nru. X-2786 kontra s-sinjali tat-traffiku ġo dik il-lokalita` meta kien hemm indikazzjoni diversa u ċjoe` li ma setgħetx tgħaddi minn Marina Street;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' Diċembru, 1996, li biha dik il-Qorti lliberatha mill-ewwel imputazzjoni iżda sabitha ħatja skond it-tieni u t-tielet imputazzjoni u kkundannatha għaxar liri (Lm10) ammenda;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Maria Victoria *sive* Marvic Attard Gialanze minnha ppreżentat fit-23 ta' Diċembru, 1996 li bih talbet ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza b'mod li hi tiġi lliberata anke minn dawk l-imputazzjonijiet li tagħhom instabet ħatja;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi bażikament l-aggravju ta' l-appellanti hu li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u tal-fatti li kellha quddiemha u ma kellha qatt issibha ħatja kif sabitha. Din il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa d-disposizzjoni kemm ta' P.C. 604 Agius kif ukoll dik ta' l-appellanti hi tal-fehma li jeżisti dubbju dwar kemm in-*no entry sign* li jsemmi dan il-kuntistabbli kienet imqiegħda b'mod li minn kien għaddej bil-mod kif kienet għaddejja l-appellanti seta' jarah. Dak li jidher li kien żgur viżibbli kienet tabella li kienet tgħid: *Access restricted to residents and restaurant owners only.* Ma jirriżultax li din it-tabella kienet senjaletika regolamentari imqiegħda mill-pulizija jew minn xi awtorita` pubblika oħra

kompetenti u għalhekk din il-Qorti ser *tillibera lill-appellanti* mit-tielet imputazzjoni;

Jirriżulta, iżda, bl-aktar mod lampanti li l-appellanti sfidat ordni ċar u leġittima ta' kuntistabbli biex hi ma tgħaddix bil-vettura tagħha minn fejn kienu qed isiru xi xogħlijiet. Din il-Qorti hi sodisfatta li hi għamlet hekk għax deherilha li bħala kunsilliera fuq il-Kunsill Lokali ta' Wied il-għajn hi kellha dritt tagħmel dak li għamlet. Hawnhekk l-appellanti evidentement żbaljat. Ordni leġittimu mogħti mill-pulizija jew mill-awtorita` għandu dejjem jiġi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wieħed jirreklama dwar il-ġustizzja intrinsika ta' dak l-ordni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippresjeduta tas-6 ta' Ottubru, 1992, fl-ismijiet **Il-Pulizija** *vs* **Austin Grech**). Ordni jitqies leġittimu għall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali jekk ikun *prima facie* leġittimu, jiġifieri jkun *prima facie* regolari fil-kontenut tiegħu u fil-forma li bih jingħata. Ma jirriżultax li kien hemm xi ħaġa *prima facie* rregolari fl-ordni *li P.C. 604 ta lill-*appellanti u għalhekk, kienet x'kienet il-kariga tagħha, hi kellha toqgħod għal dak l-ordni u mhux tisfida l-awtorita' pubblika. anzi bħala kunsilliera kellha aktar l-obbligu morali u ċiviku li tagħti eżempju tajjeb u li timxi skond il-liġi;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassaraha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti ħatja skond it-tielet imputazzjoni, mil-liema imputazzjoni qed tilliberaha, iżda tikkonferma s-sentenza appellata fil-qbija, inkluża l-ammenda inflitta.

---